MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 340/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**Vs**
**Abdelati Bashir Sowa**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-passaport Libjan` numru 764115, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fis-17 ta' Gunju, 2012 gewwa l-Imqabba, kif ukoll f'dan l-ahhar xahar, f'hinijiet differenti, u f'diversi postijiet diversi madwar Malta:-

1. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u

meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli ghal dawn l-ahhar hames snin, f'hinijiet differenti u f'diversi postijiet madwar Malta:

3. kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta' Gunju, 2012, li biha wara li rat il-Kap. 101, disposizzjoni 4 u 6, GN 292/1939 u

l-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u kkundannatu ghal erba` (4) snin prigunerija flimkien ma’ multa ta’ tlett elf Ewro (€3,000).
Inoltre l-Qorti rrakkomandat lid-Direttur tal-Habs li jaghti l-facilita` kollha lill-appellant sabiex jirriabilita` ruhu kontra l-vizzju tad-droga.
Finalment il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga esebita mill-prosekuzzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-2 ta’ Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza u dan billi tikkonferma fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t-tielet akkuza, tvarjaha fejn sabitu hati tat-tieni akkuza u minnha tilliberah u tipprovdi ghal piena iktar mita u idonea fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti erogat piena eccessiva fic-cirkostanzi.

Illi kif jirrizulta b’mod manifest mill-istess sentenza quddiem l-Ewwel Qorti kien sar patteggjament bejn id-difiza u l-prosekuzzjoni.

Illi in effetti d-difiza u l-prosekuzzjoni kienu issugerew li l-piena kellha tkun ta’ anqas minn tlett snin.

Illi huwa minnu li l-istitut tal-“plea bargaining” quddiem il-Qrati Inferjuri mhux regolat bil-ligi.

Illi in effetti dan l-istitut gie introdott fil-ligi penali taghna bl-artikolu 453A tal-Att III tas-sena 2002. Sfortunatament din l-emenda tapplika biss ghall-proceduri quddiem il-Qorti Kriminali.

Illi umbaghad l-artikolu 393A(5) jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu surefferit ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma' l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati.

Illi l-iskop ta' dan l-artikolu huwa sabiex dak li jkun jista` jaghraf jirregola ruhu mall-prezentata, jammetti, l-Qorti tikkonverti ruhha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u jiehu sentenza.

Illi ghalhekk zgur li l-buonsens jiddetta li l-istess procedura tista` tigi adoperata meta minhabba fl-ordni tal-Avukat Generali l-Qorti Inferjuri tkun wahda *ab initio* ta' Gudikatura Kriminali.

Illi jerga` jinghad per sfortuna li dawn l-emendi ma jirreferux ghall-proceduri quddiem Qrati Inferjuri fil-vesti taghhom bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali.

Illi madanakollu jinghad li kienet ilha l-prassi quddiem dawn il-Qrati li jsir patteggjament mhux formali u Alla hares kien mod iehor ghaliex kieku hafna kawzi li jistghu jigu konkluzi b'mod spedit jibqghu jiddilungaw ruhhom inutilment a pregudizzju tal-istess retta amministrazzjoni tal-gustizzja.

Illi fl-isfond ta' dan kollu l-kwistjoni finalment giet rimessa l-Qorti tal-Appelli Kriminali li tat linji gwida ta' kif ghandu ta' bilhaqq isehh il-patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri.

Illi hawn id-difiza tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Mario Spagnol deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri tas-6 ta' Jannar 2005 hawn il-Qorti *verbatim* qalet hekk :-
***"......mhux eskluz li anke quddiem dawn il-Qrati (Qrati Inferjuri) il-prosekuzzjoni u d-difiza jistghu jkunu konfordi fuq sanzjoni jew mizura li ghandha tigi applikata f'kaz ta' ammissjoni ta' htija."***

Illi din il-Qorti pero` ifformalizzat kif ghandu jsir dan it-tip ta' patteggjament quddiem il-Qrati Inferjuri. Il-Qorti qalet :
***"...dan ikun irid jingieb ghall-attenzjoni ta' din il-Qorti,***

***kif ghandha tingieb kull sottomissjoni quddiem Qorti u cioe` jew bil-fomm waqt l-udjenza u cioe` "in open Court" jew permezz ta' xi att gudizzjarju".***

Illi in effetti l-patteggjament sar bil-miftuh quddiem il-Qorti.

Illi dik l-istess Qorti kkumentat ***"......il-Gudikant jista` jindika li sia jekk ikun hemm ammissjoni u sia jekk le x'forma partikolari ser ikollha s-sentenza li ha jkun ser jaghti".***

Illi l-iskop wara l-patteggjament huwa wiehed uniku li ma jkunx hemm sorprizi ghax b'dan il-mod tigi stultifikata ghal kollox din il-prattika.

Illi f'dan il-kaz la l-Qorti kellha f'mohha li tiddipartixxi minn dak pattwit zgur li l-prudenza kienet tirrikjedi li l-Qorti kellha taghti xi indizju u mhux li tissorprendi lill-appellant b'dan il-mod.

Illi l-element ta' sorpriza azgur mhux konducenti ghall-ahjar forma ta' gustizzja peress li pregudikat mhux biss lill-imputat imma sfortunatament anke lill-istess difensur li jkun igwida lill-klijent tieghu fuq dak li normalment jigri.

Illi f'dan il-kaz huwa zgur li kieku d-difiza kellha indizji mod iehor kienet tirregola ruhha mod iehor kif ser jigi ampjament spjegat lil din il-Qorti, anke tenendo kont tal-ammont *de minimis* tad-droga misjuba u l-fedina penali tal-appellant.

Illi waqt l-ippattegjar naturalment il-prosekuzzjoni u d-difiza jkunu ippruvaw jilhqu bilanc u l-istess ufficjal prosekutur ikun jaf fejn waslet l-ghajnuna li jkun tah l-akkuzat.

Illi m'hemmx dubju illi l-piena ta' massimu ta' tlett snin habs kienet tkun altro che sufficjenti.

Illi inoltre l-esponent issa jidhirlu li anki piena ta' tlett snin prigunerija hija wisq tenendo kont li m'ghadux japplika l-adebit tad-distanza.

Semgħat it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Illi l-ewwel aggravju kien dwar 'il-piena' ġaladarba kien hemm pattaġġjament. Waqt is-sottomissjonijiet, id-difiża ddikjarat li fil-fatt kien hemm żball tat-typing fil-kopja li kienet ingħatat dwar il-pattaġġjament. Qalet ukoll li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet imxiet mal-ftehim li kien intlaħaq bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża.

Stante li l-Ewwel Onorabbli Qorti mxiet ma' dak li kien miftiehem, din il-Qorti qed tiċħad din il-parti tal-aggravju dwar il-piena li għandha x'taqsam ma' xi inkonsistenza bejn dak li kien miftiehem u l-piena li kienet mogħtija fis-sentenza.[1]

It-tieni part tal-aggravju huwa dwar il-gravanti tad-distanza. Skont id-difiża m'għandux japplika l-gravanti tad-distanza.

Matul it-trattazzjoni l-abbli difensur issottometta li huwa kien qed jikkonferma l-ammissjoni li saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati ħlief għall-gravanti ta-ddistanza. (fol 44). Hija l-Liġi stess li tipprojbixxi li l-proprjetarju ta' ħanut ibiegħ ix-xorb liż-żgħażagħ. Għalhekk ma jistax ikun li jkun hemm żgħażagħ fil-ħanut għax dawn ma jistgħux jixtru xorb. Barra dan, il-ħanut huwa post fejn imorru jilagħbu x-xjuħ.

Il-Prosekuzzjoni ma qablitx ma' dan u ssottomettiet li dan il-ħanut jinsab fil-qalba tal-pjazza tal-Imqabba fejn hemm każini tal-baned u tal-futbol. Żgur li żgħażagħ f'dawn l-inħawi jkun hemm. Barra dan l-akkuża mhux limitata għal dak il-ħanut tax-xorb.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett il-Qorti rat li l-gravanti mhix marbuta ma' ħanut tax-xorb partikolari, ukoll jekk f'dan imorru biss xjuħ,

[1] Din il-parti tal-aggravju kienet irtirata matul it-trattazzjoni. (Ara fol 46).

bħalma ssottometta l-abbli difensur iżda tapplika għall-area kollha.

M'hemmx dubju li l-Pjazza tal-Imqabba għandha għadd ta' każini ħdejn xulxin li fihom jidħlu ż-żgħażagħ ukoll. Ma jirriżulta minn imkien li l-istituzzjonijiet preżenti fil-pjazza tal-Imqabba ħarġu xi ordni biex iż-żgħażagħ ma jidħlux f'dawn il-każini. Għalhekk il-preżunzjoni għandha tkun li f'xi ħin tal-jum xi żgħażagħ ikun hemm fl-area fejn instab l-appellant bil-pakketti fuqu. Aktar u aktar meta kine żmien il-fest. Inkella fejn iqattgħu l-ħin liberu tagħhom iż-żgħażagħ Imqabbin speċjalment nhar il-festa?

Il-Qorti qed tqis ukoll li l-appellant għamel ammissjoni għal dan il-gravanti. L-appellant gawda minn ammissjoni bikrija bla ma qagħdu jinstemgħu il-provi. Fil-fehma tal-Qorti ma jistax issa jiġi l-appellant u jkollu ripensament fuq dan il-gravanti wara li jkun ħa vantaġġ għax ammetta mill-ewwel.

Għal mottivi hawn fuq imsemmija, il-Qorti qed tiċħad dan l-appell.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------